DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 113/2012

tal-15 ta' Ġunju 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 95/2012 tat-30 ta' April 2012 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/385/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Ekwador skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara [2], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/517/UE tal-25 ta' Awwissu 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Azerbajġan skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara [3], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/520/UE tal-31 ta' Awwissu 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Marokk skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara [4], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 56jh (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/259/UE) tal-Anness XIII ta' mal-Ftehim:

"56ji. **32011 D 0385**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/385/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Ekwador skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 170, 30.6.2011, p. 38).

56jj. **32011 D 0517**: d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/517/UE tal-25 ta' Awwissu 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Azerbajġan skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 220, 26.8.2011, p. 22).

56jk. **32011 D 0520**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/520/UE tal-31 ta' Awwissu 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-Marokk skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 226, 1.9.2011, p. 10)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2011/385/UE, tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/517/UE u 2011/520/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-16 ta' Ġunju 2012, kemm-il darba n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

[1] ĠU L 248, 13.9.2012, p. 33.
[2] ĠU L 170, 30.6.2011, p. 38.
[3] ĠU L 220, 26.8.2011, p. 22.
[4] ĠU L 226, 1.9.2011, p. 10.

(*) MA huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.